25 ta' Frar, 1953

**Imhallfin :**

**Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.,** ***President;***
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Il-Maestà Tagħha r-Reġina** *versus* **Zarenu Ebejer**

**Provi — Xhieda — Replika — Kontro-Replika — Art. 470 u 475 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ix-xhieda tad-difiża għandhom jinstemgħu qabel, u mhux wara, ir-replika u l-kontro-replika.*

Il-Qorti — Fuq l-inċident jekk ix-xhieda tad-difiża għandhomx jinstemgħu qabel jew wara r-replika u l-kontro-replika;

Wara li semgħet l-argumenti fuq dan l-inċident;

Ikkunsidrat;

Illi fl-art. 475 Kap. 12 il-liġi tgħid illi r-replika u l-kontro-replika jsiru meta d-difiża tagħlaq il-parti tagħha ("after the close of the defence");

Illi mill-art. 470, fl-ewwel subartikolu tiegħu, jidher illi d-difiża tikkonsisti mhux biss fl-arringa tad-difensur, imma anki fil-produzzjoni tax-xhieda tad-difiża; u għalhekk bil-kliem "meta d-difiża tagħlaq il-parti tagħha" wieħed għandu raġjonevolment jintendi tant l-arringa kemm ix-xhieda tad-difiża;

**Illi konferma ta' dina l-interpretazzjoni tiġi minn dawn il-konsiderazzjonijiet :—**

(a) Fl-art. 470, il-liġi tuża frażi analoga, ċjoè "meta l-akkuża tagħlaq il-parti tagħha"; u m'hemmx dubju li dik il-*frażi tikkomprendi* mhux biss ir-rekwiżitorja, iżda anki x-xhieda tal-Prosekuzzjoni;

(b) Il-frażi "provi ġodda" fil-proviso fl-art. 475 ma kienux jiftehmu kieku l-provi tad-difiża jinġiebu wara r-replika jew il-kontro-replika;

(c) Is-sekwenza numerika ta' l-artikoli, partikolarment l-art. 470 u 475, turi illi x-xhieda tad-difiża għandhom jinġiebu qabel ir-replika; għaliex altrimenti dawn ix-xhieda tad-di-

**fiża** ma kienux jissemmew fl-art. 470, iżda fl-art. 475 jew **wara;**

**Ara wkoll** proċedura segwita fil-ġuri "**Rex vs. Bush**", **28 ta' Ġunju 1945;**

Għalhekk il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tordna illi x-xhieda tad-difiża jinstemgħu f'dan l-istadju, qabel ir-replika.